



## Deċiżjoni Nru 15-2020 li tistabbilixxi regoli rigward l-impjeg ta' trainees fi ħdan il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

### IS-SEGRETARJU ĠENERALI *AD INTERIM* TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI,

WARA LI KKUNSIDRA id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012,

WARA LI KKUNSIDRA ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Awdituri u d-Deċiżjoni Nru 38-2016 tat-2 ta' Ġunju 2016 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regoli, kif emendata l-aħħar mill-Qorti tal-Awdituri fil-laqgħat tagħha tal-14 ta' Settembru 2017 u tat-13 ta' Diċembru 2018,

WARA LI KKUNSIDRA id-Deċiżjoni Nru 2-2019 adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Jannar 2019 dwar ir-regoli ta' proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha,

WARA LI KKUNSIDRA id-Deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 29-2015 tal-4 ta' Settembru 2015, dwar l-eżerċitar tas-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra u mill-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra lill-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti tax-xogħol,

WARA LI KKUNSIDRA id-dispożizzjonijiet rigward l-impjeg ta' trainees fi ħdan il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottati fit-22 ta' Ġunju 2015 u l-Ftehim Supplimentari Nru 1 tagħhom tal-5 ta' Ottubru 2017,

**BILLI** id-dispożizzjonijiet li jinsabu fis-seħħ bħalissa jeħtieġu bosta modifiki sostanzjali bil-għan li jiżdiedu u jiġu ċċarati r-rwol u r-responsabbiltajiet tat-trainees, tas-superviżuri tat-traineeship, tal-koordinaturi tat-traineeships u tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, kif ukoll biex jiġu ppreċiżati d-drittijiet u l-obbligi tat-trainees,

## IDDEĊIEDA:

### Artikolu 1 Skop

- 1.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem il-Qorti tal-Awdituri) torganizza traineeships fl-oqsma relatati max-xogħol tagħha bil-għan li tipprovdi lill-persuni interessati, magħżula fuq bażi ġeografika kemm jista' jkun wiesgħa, stampa ġenerali tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea permezz tal-esperjenza ta' kuljum ta' kif tiffunzjona istituzzjoni Ewropea.
- 1.2. L-ammissjoni għal traineeship ma tagħti l-ebda dritt jew priorità fir-rigward ta' reklutaġġ fis-servizzi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

### Artikolu 2 Kundizzjonijiet għall-ammissjoni

- 2.1 Sabiex ikunu eliġibbli biex jagħmlu perjodu ta' traineeship, l-applikanti jridu:
  - ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għajr meta tkun ingħatat deroga mill-Qorti tal-Awdituri;
  - ikollhom lawrja universitarja rikonoxxuta li tagħti dritt għall-grupp ta' funzjoni tal-amministraturi, kif iddefinit fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jew inkella jkunu kkompletaw mill-inqas erba' semestri ta' studji universitarji f'qasam ta' interess għall-Qorti tal-Awdituri fi ħdan istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja kif imsemmi fl-Artikolu 18,
  - ikunu esprimew l-intenzjoni tagħhom li jiksbu taħriġ prattiku relatat ma' wieħed mill-oqsma ta' attività tal-Qorti tal-Awdituri,
  - ma jkunux diġà bbenefikaw minn traineeship (remunerata jew le) f'istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ċentrali Ewropew,
  - ikollhom għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien tajjeb ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea,
  - fil-mument li jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, ma kinux jew ma jkunux impjegati fi ħdan istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea, la bħala persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, persunal awżiljarju bil-kuntratt, persunal interim bil-kuntratt, espert nazzjonali sekondat fi ħdan istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea, u lanqas bħala assistent ta' Membru tal-Parlament Ewropew.
- 2.2 Il-kandidati magħżula huma mistennija li jipprovdu wkoll:
  - estratt reċenti mir-rekord ġudizzjarju li jiddikjara li qatt ma nstabu ħatja ta' xi reat, skont kif imfassal għas-servizz ċivili mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom,
  - ċertifikat mediku li jiċċertifika li huma fiżikament kapaċi jwettqu l-kompiti tagħhom.
- 2.3 Il-kandidati b'diżabbiltà mhumiex meħtieġa jipprovdu dan iċ-ċertifikat, u fil-każ tagħhom dan jista' jiġi sostitwit b'ċertifikat tat-tabib tagħhom li jkun jiġġustifika l-kapaċità tagħhom li jintegraw f'ambjent tax-xogħol jekk isiru arranġamenti xierqa.

### Artikolu 3 Durata tat-traineeship

- 3.1 Mill-1 ta' Ottubru 2020 'il quddiem, is-sessjonijiet ta' traineeship se jitqassmu kif ġej:

- mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Lulju ta' din is-sena,
  - mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru ta' din is-sena,
  - mill-1 ta' Ottubru ta' din is-sena sad-29 ta Frar tas-sena ta' wara.
- 3.2 Matul dawn it-tliet sessjonijiet, it-traineeship tista' ddum bejn tliet xhur sa ħames xhur.
- 3.3 F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Qorti tal-Awdituri tista' tagħti, abbażi ta' deroga, xahar addizzjonali ta' traineeship jekk id-disponibbiltajiet baġitarji jkunu jippermettu dan.
- 3.4 L-ebda persuna ma tista' twettaq aktar minn traineeship waħda fi ħdan il-Qorti tal-Awdituri, irrispettivament mid-durata.

#### Artikolu 4 Għażla

- 4.1 Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jistabbilixxi, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet preċedement espressi mill-entitajiet funzjonali u tad-disponibbiltajiet baġitarji, l-għadd ta' traineeships allokatil lil kull entità. Dan l-għadd imbagħad jiġi kkomunikat lil kull entità funzjonali li tkun għamlet talba.
- 4.2 L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati biss online, skont il-proċeduri stabbiliti mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, u jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-Qorti tal-Awdituri.
- 4.3 Kull entità funzjonali hija responsabbli mill-għażla tal-applikazzjonijiet, filwaqt li tiegħu kont dovut ta' dawn id-dispożizzjonijiet. L-għażla ssir billi jittieħed kont tal-merti u l-interessi tas-servizz.
- 4.4 Il-proċedura tal-għażla għandha l-għan li tevita kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u li tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha jiġu ttrattati u eżaminati b'mod ekwu. Jekk il-kwalifiki u l-ħiliet ikunu ta' livell ugwali, il-kandidati magħżula jridu jerġgħu jintgħażlu biex, kemm jista' jkun possibbli, jiġi żgurat bilanċ ġeografiku u bilanċ bejn il-ġeneri.
- 4.5 Sa mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tat-traineeship, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jinforma personalment, permezz ta' mezzi elettroniċi biss, lill-kandidati li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet aċċettata, dment li jiġu ppreżentati d-dokumenti ġustifikattivi.
- 4.6 Il-kandidati jridu jippreżentaw id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa sal-iskadenza stabbilita mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani. Jekk din l-iskadenza ma tiġix osservata, l-applikazzjoni tagħhom tiġi rifjutata.
- 4.7 Il-kandidati li ma jintgħażlux ma jiġux infurmati la dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tagħhom u lanqas dwar ir-raġunijiet għalfejn ma jkunux intgħażlu.
- 4.8 Qabel il-bidu tat-traineeship, jiġi ffirmat kuntratt tat-traineeship bejn il-Qorti tal-Awdituri u t-trainee. Kull estensjoni tat-traineeship, prevista fl-Artikolu 4 ta' dawn id-dispożizzjonijiet, trid tkun suġġetta għal emenda fil-kuntratt tat-traineeship korrispondenti.
- 4.9 Il-kandidati magħżula jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom fi kwalunkwe mument qabel ma jiffirmaw il-kuntratt tat-traineeship. Huma jkunu jistgħu jerġgħu jippreżentaw applikazzjoni ġdida għas-sessjonijiet ta' traineeship sussegwenti, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti hawn fuq.

- 4.10 Madankollu, il-kandidati li jirtiraw inqas minn ġimagħtejn qabel id-data tal-bidu tat-traineeship, ma jkunux jistgħu japplikaw għal traineeship fi ħdan il-Qorti tal-Awdituri qabel ma jgħaddu sentejn. Il-Qorti tal-Awdituri tista' eventwalment taċċetta li tidderoga minn din ir-regola f'każ ta' forza magħguri debitament iġġustifikata mill-kandidati.

#### Artikolu 5 F'iliet

- 5.1 Il-“koordinatur tat-traineeships” huwa l-aġent maħtur minn kull entità funzjonali tal-Qorti tal-Awdituri biex jikkoordina, mil-lat amministrattiv, l-għażla tat-trainees u l-iżvolġiment tat-traineeship tagħhom fi ħdan dik l-entità.
- 5.2 B'mod partikolari, il-koordinatur tat-traineeships:
- jidentifika l-ħtiġijiet tal-entità funzjonali għal trainees matul sena finanzjarja partikolari,
  - jikkonsulta l-bażi ta' *data* tal-kandidati li jkunu ppreżentaw applikazzjoni għal traineeship għal kull sessjoni ta' traineeship tal-Qorti tal-Awdituri,
  - jiġbor l-applikazzjonijiet għal traineeship tal-entità funzjonali tiegħu,
  - jinforma lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani dwar il-kandidati magħżula,
  - isegwi, flimkien mad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, il-konsum baġitarju tal-entità funzjonali tiegħu,
  - huwa responsabbli mill-komunikazzjoni u mill-ġestjoni ta' kull tip ta' attività u/jew ta' avveniment li jiġu organizzati għat-trainees mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani u/jew mill-entità funzjonali tiegħu,
  - jimmaniġġja, flimkien mad-dipartimenti kompetenti, kwalunkwe inċident sinifikanti li jseħħ waqt it-traineeship u jgħin lit-trainees tal-entità funzjonali tiegħu biex isolvu kwalunkwe problema importanti.
- 5.3 Is-“superviżur tat-traineeship” huwa uffiċjal jew aġent ieħor tal-Qorti tal-Awdituri li jaħdem fl-entità funzjonali li fiha jiġi assenjat it-trainee u li:
- jiggwida u jissorvelja mill-qrib lit-trainee tul id-durata tat-traineeship tiegħu,
  - jassenja kompiti lit-trainee, kif ukoll isegwi l-prestazzjoni u l-integrazzjoni tiegħu fi ħdan is-servizz,
  - jinnotifika kull inċident sinifikanti li jseħħ matul it-traineeship lill-koordinatur tat-traineeships,
  - ifassal, jekk ikun meħtieġ, l-ittra ta' rakkomandazzjoni tat-trainee.

#### Artikolu 6 Obbligi ġenerali

- 6.1 It-trainees huma meħtieġa josservaw l-akbar diskrezzjoni f'dak kollu li jirrigwarda l-fatti u l-informazzjoni li huma jsiru jafu bihom matul it-traineeship. Huma jridu josservaw ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-*data* personali bl-istess mod bħall-persunal tal-Qorti tal-Awdituri.
- 6.2 Huma jridu jikkonformaw mal-istruzzjonijiet mogħtija mis-superviżur tat-traineeship u/jew mill-persuna li tkun responsabbli mill-entità funzjonali fejn ikunu ġew assenjati.

- 6.3 Fi kwalunkwe mument matul it-traineeship u fl-interess tad-dipartiment, it-trainees jistgħu jiġu ttrasferiti f'dipartiment ieħor fi ħdan l-entità funzjonali fejn ikunu ġew assenjati jew f'entità funzjonali oħra.
- 6.4 It-trainees huma meħtieġa jikkonformaw mal-linji gwida dwar l-etika applikati fil-Qorti tal-Awdituri. Huma jridu juru integrità, korteżija u rispett fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. B'mod partikolari, għat-trainees tapplika d-Deċiżjoni Nru 26-2017 rigward il-politika dwar il-preservazzjoni ta' ambjent tax-xogħol seren u l-ġlieda kontra l-fastidju psikoloġiku u l-fastidju sesswali.
- 6.5 Matul it-traineeship, it-trainees iridu jikkonsultaw mas-superviżur tat-traineeship tagħhom jew, jekk dan ma jkunx disponibbli, mal-koordinatur tat-traineeships rigward kwalunkwe inizjattiva li jiddeċiedu li jieħdu b'rabta mal-attivitajiet tagħhom jew ma' dawk tal-Qorti tal-Awdituri.
- 6.6 It-trainees ma għandhomx jittrattaw kwistjonijiet li fihom, direttament jew indirettament, jista' jkollhom interessi personali. Huma ma jistgħux ikollhom impenn professjonali ma' partijiet terzi li jkun inkompatibbli mat-traineeship tagħhom fi ħdan il-Qorti tal-Awdituri u lanqas ma jistgħu jeżerċitaw impjeg bi ħlas matul il-perjodu tat-traineeship tagħhom.
- 6.7 It-trainees li jistgħu jkunu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, kif deskritt fil-paragrafu preċedenti, jew ikunu f'riskju li jsibu lilhom infushom f'tali sitwazzjoni, iridu jissenjalaw dan minnufih, bil-miktub, lis-superviżur tat-traineeship tagħhom u lill-koordinatur tat-traineeships tal-entità funzjonali fejn jiġu assenjati.
- 6.8 Fir-relazzjonijiet mal-midja tal-massa, it-trainees huma mistennija josservaw l-istess regoli bħal dawk li japplikaw għall-persunal statutorju tal-Qorti tal-Awdituri. Huma jridu jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li jirċievu f'dan ir-rigward, anki wara t-tmiem tat-traineeship tagħhom.
- 6.9 It-trainees ma jistgħux, la fuq bażi personali u lanqas f'kollaborazzjoni ma' partijiet terzi, jipubblikaw jew jaraw li tiġi ppubblikata, bi kwalunkwe mezz li jkun, informazzjoni dwar ix-xogħol tal-Qorti tal-Awdituri, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-dipartimenti kompetenti tal-istituzzjoni. Huma jibqgħu suġġetti għal dan l-obbligu anki wara t-tmiem tat-traineeship tagħhom.
- 6.10 Il-Qorti tal-Awdituri tikseb, b'mod irrevokabbli, is-sjeda fil-livell globali tar-risultati tax-xogħol imwettaq mit-trainees bħala parti mit-traineeship tagħhom u d-drittijiet sħaħ tal-proprjetà intellettuali jew industrijali kollha relatati magħhom, inklużi d-drittijiet tal-awtur, ta' riproduzzjoni, ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u ta' distribuzzjoni.
- 6.11 It-trainees jiġu impjegati fuq bażi full-time. Il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom huma dawk fis-seħħ fil-Qorti tal-Awdituri. Is-sahra ma tagħti l-ebda dritt għal kumpens, għal remunerazzjoni addizzjonali jew għal żieda fl-allowance tat-traineeship.

#### Artikolu 7 Terminazzjoni u tmiem tat-traineeship

- 7.1 It-traineeship tintemm meta jiskadi l-perjodu li għalih tkun ingħatat.
- 7.2 Madankollu, il-Qorti tal-Awdituri tista' ttemm it-traineeship qabel il-perjodu previst:
- jew fuq talba motivata u bil-miktub tat-trainee, b'avviż minn qabel ta' mill-inqas tliet ġimgħat.

It-talba tintbagħat lis-superviżur tat-traineeship, li jinforma minnufih dwarha lill-koordinatur tat-traineeships tal-entità funzjonali tiegħu. Dan tal-aħħar jinforma lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara n-notifika tat-talba għat-terminazzjoni.

Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani joħroġ id-deċiżjoni tat-tmiem tat-traineeship u, wara li jiffirmaha, jikkomunikaha immedjatament lill-persuna interessata u lid-dipartimenti l-oħra kompetenti.

It-trainee huwa meħtieġ jirrimborża l-parti tal-pagament li jkun seta' rċieva għall-perjodu li fih ma ħadimx. It-trainee jista' jitlaq mill-Qorti fi tmiem ix-xahar jew f'nofs ix-xahar.

- jew wara opinjoni debitament motivata tal-persuna responsabbli mill-entità funzjonali fejn ikun ġie assenjat it-trainee, f'każ ta' ksur serju tal-obbligi li t-trainees iridu jirrispettaw skont dawn id-dispożizzjonijiet.

L-opinjoni tintbagħat mingħajr dewmien lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani mill-koordinatur tat-traineeships tal-entità funzjonali kkonċernata.

Wara li t-trainee jkun instema', id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani joħroġ id-deċiżjoni tat-tmiem tat-traineeship u, wara li jiffirmaha, jikkomunikaha immedjatament lill-persuna interessata u lid-dipartimenti l-oħra kompetenti.

It-trainee huwa meħtieġ jirrimborża l-parti tal-pagament li jkun seta' rċieva għall-perjodu li fih ma ħadimx. It-trainee jista' jitlaq mill-Qorti fi tmiem ix-xahar jew f'nofs ix-xahar.

- jew f'każ ta' forza maġġuri, immotivata b'mod partikolari minn kriżi tas-saħħa, gwerra jew diżastru naturali jew inkella diżastri oħra, minn bidliet strutturali sostanzjali fil-Qorti tal-Awdituri jew minn kwalunkwe avveniment ieħor li jaqa' fid-definizzjoni legali ta' "forza maġġuri".

Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani joħroġ id-deċiżjoni tat-tmiem tat-traineeship u, wara li jiffirmaha, jikkomunikaha immedjatament lill-persuna interessata u lid-dipartimenti l-oħra kompetenti.

It-trainee mhuwiex meħtieġ jirrimborża l-parti tal-pagament li jkun seta' rċieva għall-perjodu li fih ma ħadimx. It-trainee jista' jitlaq mill-Qorti tal-Awdituri immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' tmiem it-traineeship.

- 7.3 F'każ li l-Qorti tal-Awdituri tiddeċiedi li ttemm it-traineeship, hija mhijiex meħtieġa tagħti avviż minn qabel u l-ebda dritt għal xi kumpens mhuwa previst.
- 7.4 Il-Qorti tal-Awdituri tista' tiddeċiedi li tipprojbixxi lit-trainee milli jkollu aċċess għall-bini tagħha jew għall-applikazzjonijiet tal-IT tagħha.
- 7.5 Barra minn hekk, f'każ ta' mġiba serjament kundannabbli min-naħa tat-trainee, il-Qorti tal-Awdituri tirriżerva d-dritt li titlob il-ftuħ ta' investigazzjoni ġudizzjarja kontrih.

## Artikolu 8 Drittijiet pekunarji

- 8.1 It-trainees jirċievu għotja ta' EUR 1 350,00 fix-xahar.
- 8.2 Jekk jippreżenta d-dokumenti ġustifikattivi xierqa, trainee b'diżabbiltà jista' jirċievi għotja ta' EUR 1 850,00 fix-xahar.
- 8.3 Il-Qorti tal-Awdituri tista' tawtorizza traineeships mhux remunerati. Dawn tal-aħħar huma suġġetti għar-regoli msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet.

## Artikolu 9 Arranġamenti fiskali

- 9.1 L-għotjiet għat-traineeships mhumiex suġġetti għall-arranġamenti fiskali partikolari applikabbli għall-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-benefiċjarji huma unikament responsabbli milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-ħlas tat-taxxa, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli.

## Artikolu 10 Assigurazzjoni kontra mard u aċċidenti

- 10.1 It-trainee jrid ikun kopert kontra r-riskji ta' mard u aċċidenti.
- 10.2 Jekk it-trainee ma jkollux il-mezzi proprji għal skema tal-assigurazzjoni tal-mard, il-Qorti tal-Awdituri toffrilu assicurazzjoni. Jekk ikun meħtieġ, it-trainee jkollu jħallas terz tal-primjum tal-assigurazzjoni.
- 10.3 Jekk il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa maħruġa mill-awtoritajiet jew mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni nazzjonali ma tkunx tkopri l-perjodu kollu tat-traineeship, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti japplikaw għall-perjodu li ma jkunx kopert.
- 10.4 It-trainee jiġi assigurat mill-Qorti tal-Awdituri kontra r-riskji ta' aċċidenti.

## Artikolu 11 Missjonijiet

- 11.1 F'ċirkustanzi eċċezzjonali u fuq talba debitament iġġustifikata mis-superviżur tat-traineeship tagħhom u approvata mill-persuna responsabbli mill-entità funzjonali fejn jiġu assenjati, it-trainees jistgħu jieħdu sehem fil-missjonijiet uffiċjali tal-Qorti, u jridu jkunu akkumpanjati b'mod obbligatorju minn membru tal-persunal tal-istituzzjoni.
- 11.2 Ir-regoli ġenerali fis-seħħ għall-persunal kollu tal-Qorti tal-Awdituri japplikaw *mutatis mutandis* għall-missjonijiet imwettqa mit-trainees.

## Artikolu 12 Spejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba fil-bidu u fit-tmiem tat-traineeship

- 12.1 Fil-limiti ġeografiċi tat-territorji nazzjonali (jew simili) tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, it-trainees għandhom id-dritt għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li huma jkunu ġarrbu fil-bidu u fit-tmiem tat-traineeship tagħhom.
- 12.2 Ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bir-ritorn huwa limitat għat-traġitt bejn il-post tat-traineeship u l-post fejn it-trainee jkun effettivament jirrisjedi qabel il-bidu tat-traineeship. Jekk il-post ta' residenza jinsab f'inqas minn 50 km mill-post tat-traineeship, it-trainee ma jkollux dritt għal din l-allowance.
- 12.3 Ir-rimborż isir abbażi tal-ispejjeż imġarrba u fuq preżentazzjoni tad-dokumenti ġustifikattivi f'każ ta':
  - vjaġġ bil-ferrovija fit-tieni klassi, bil-possibbiltà ta' kuċċetta jew vagun għall-irqad, għad-distanzi ta' bejn 51 km u 500 km;



- vjaġġ bl-ajruplan, fil-klassi ekonomika jekk dan il-mod tat-trasport jispiċċa jkun irħas minn dak ta' qabel, jew jekk il-vjaġġ bil-ferrovija jkun aktar minn 500 km jew, ukoll, jekk il-persuna interessata jkollha taqsam il-baħar, ħlief jekk tagħmel dan permezz tal-Eurotunnel.
- 12.4 Jekk it-trainee jagħmel il-vjaġġ permezz ta' mod tat-trasport ieħor minbarra dawk imsemmija hawn fuq, ir-rimborż isir fuq bażi ta' rata fissa. Il-pagament b'rata fissa jiġi kkalkulat skont il-modalitajiet li ġejjin:
- EUR 0,1200 għal kull km għal vjaġġi minn 1 sa 1 000 km,
  - EUR 0,0800 għal kull km għal dik il-parti tal-vjaġġ wara li jinqabżu l-1 001 km,
  - EUR 0,0000 għal kull km għal dik il-parti tal-vjaġġ li taqbeż il-5 000 km.
- 12.5 Meta l-post ta' residenza effettiva jkun jinsab barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jiġu kkalkulati biss mill-belt kapitali tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun l-eqreb għal dan il-post.
- 12.6 Biex dawn l-ispejjeż jiġu rimborżati, il-vjaġġ irid isir mhux aktar kmieni mix-xahar li jippreċedi d-data tal-bidu tat-traineeship, u l-vjaġġ tar-ritorn irid isir mhux aktar tard mix-xahar li jsegwi d-data ta' tmiem it-traineeship. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Qorti tal-Awdituri tista' tirrifjuta li tirrimborża l-ispejjeż inkwistjoni.

### Artikolu 13 Liv

- 13.1 Matul il-perjodu tat-traineeship, it-trainees għandhom dritt għall-istess jiem ta' festi pubbliċi u l-istess jiem ta' għeluq tal-uffiċċji bħall-persunal statutorju tal-Qorti tal-Awdituri.
- 13.2 It-trainees għandhom dritt għal jumejn liv għal kull xahar tat-traineeship. It-talbiet għal-liv iridu jiġu ppreżentati lis-superviżur tat-traineeship u approvati mill-persuna li tkun responsabbli mill-entità funzjonali fejn jiġu assenjati t-trainees.
- 13.3 L-entità funzjonali fejn jiġu assenjati t-trainees hija inkarigata milli tirreġistra u tamministra t-talbiet għal-liv tagħhom.
- 13.4 Il-jiem użati għall-parteciċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, f'eżamijiet jew biex isir xogħol ta' studju universitarju eċċ. iridu jitnaqqsu minn dan id-dritt.
- 13.5 Il-jiem ta' liv li ma jittiħdux, ma jagħtux lok għal kumpens finanzjarju. Jekk it-trainee jkun assenti għal għadd ta' jiem oġġla mill-kwota regolatorja, kumpens finanzjarju ekwivalenti għall-għadd ta' jiem ta' liv żejda jitnaqqas mill-ammont tal-għotja ta' kull xahar tiegħu.
- 13.6 Jekk it-trainee jkun assenti mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni jew jaqbeż l-għadd totali ta' jiem ta' assenza mhux iġġustifikata minħabba mard, id-durata tal-assenza titnaqqas mill-kwota tal-jiem ta' liv. Jekk it-trainee jkun eżawrixxa l-kwota tiegħu tal-jiem ta' liv, kumpens finanzjarju ekwivalenti jitnaqqas mill-ammont tal-għotja ta' kull xahar tiegħu.

### Artikolu 14 Liv minħabba mard

- 14.1 F'każ ta' mard, it-trainees huma meħtieġa javżaw minnufih lis-superviżur tat-traineeship tagħhom, lill-koordinatur tat-traineeships tal-entità funzjonali fejn jiġu assenjati kif ukoll lis-Servizz Mediku.



- 14.2 Mir-raba' jum konsekuttiv ta' assenza mhux iġġustifikata minħabba mard, it-trainees iridu jibagħtu ċertifikat tat-tabib lis-Servizz Mediku tal-Qorti tal-Awdituri.
- 14.3 Fi kwalunkwe każ, id-durata totali ta' assenzi minħabba mard mingħajr ċertifikat tat-tabib ma tistax tkun aktar minn sitt ijiem għad-durata tal-perjodu kollu tat-traineeship.
- 14.4 It-trainees li jkunu parzjalment koperti mill-Qorti tal-Awdituri kontra r-riskji ta' mard, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma jistgħux jitolbu r-rimborż tal-ispejjeż mediċi mħallsa mill-istituzzjoni.

#### Artikolu 15 Protezzjoni tad-*data* personali

- 15.1 Id-*data* personali kollha li tinġabar bħala parti mill-għażla u mill-impjeg ta' trainees tiġi ttrattata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

#### Artikolu 16 Iddebitar baġitarju

- 16.1 In-nefqa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tiġi ddebitata taħt il-partita 1404-03 tal-baġit tal-Qorti tal-Awdituri, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż marbuta mal-missjonijiet, li jiġu ddebitati skont l-Artikolu 162.

#### Artikolu 17 Rikorsi

- 17.1 Id-deċiżjonijiet li jittieħdu rigward it-traineeships ma jistgħux ikunu suġġetti għal xi rikors formali intern min-naħa tat-trainees.
- 17.2 Madankollu, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jista' joffri l-medjazzjoni tiegħu biex jirrimedja problema speċifika u immedjata, li ma tkunx twassal biex ittemm it-traineeship u li tiġi nnotifikata lilu jew mit-trainee, jew inkella mill-koordinatur tat-traineeships tal-entità funzjonali fejn ikun assenjat it-trainee.
- 17.3 Deċiżjoni li tittieħed b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 18 Trainees minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja prestiġjużi

- 18.1 L-istudenti minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja prestiġjużi li jkunu temmew mill-inqas erba' semestri ta' studju jistgħu japplikaw għal traineeship mal-Qorti tal-Awdituri, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-deċiżjoni.
- 18.2 F'konformità ma' din id-deċiżjoni, jitqiesu bħala istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja prestiġjużi dawk li huma kklassifikati fost l-ewwel 100 fuq livell dinji fil-klassifika stabbilita minn Quacquarelli Symonds (*QS World University Rankings*).
- 18.3 Jekk student minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja prestiġjuża jintgħażel għal traineeship, il-Qorti tal-Awdituri tapplika *ex officio*, jekk ikun meħtieġ, id-deroga dwar iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 19 Dispożizzjonijiet finali

- 19.1 Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li tiġi ffirmata.
- 19.2 Hija tannulla u tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet rigward l-impjeg ta' trainees fi ħdan il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottati fit-22 ta' Ġunju 2015 u l-Ftehim Supplementari Nru 1 tagħhom tal-5 ta' Ottubru 2017.
- 19.3 Hija se tiġi kkomunikata mis-Segretarjat tal-Qorti tal-Awdituri lill-Awditur Intern u lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Qorti tal-Awdituri, u se tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-istituzzjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, il- 21.07.2020

(s) Philippe Froidure  
*Segretarju Ġenerali ad interim*